MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2012

Talba Numru. 808/2011

**Mobilise Communications Limited (C-24655)
Vs
Romina Azzopardi (K.I. 280288M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet hlas minghand il-konvenuta fis-somma ta’ elf, seba’ mija u wiehed u sittin ewro u tnejn u tmenin centezmu (€1761.82) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta’ kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C51036660 moghtija mis-socjeta’ attrici u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza; illi l-konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda din baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza; bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fit-23 t'April, 2012 mill-Avukat Ingrid Zammit Young u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenuta naqset milli tipprova l-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' elf, seba' mija u wiehed u sittin ewro u tnejn u tmenin centezmu (€1761.82) u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------